

## II

(Atti mhux legiſlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 832/2010

tas-17 ta' Settembru 2010

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 44, 66(3) u 76(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 539/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, jissimplifika u jiċċara ċerti rekwiżiti dwar proġetti maġġuri, għodod ta' inġenjerija finanzjarja u l-irrapportar dwar il-progress finanzjarju tal-programmi operattivi. Huwa għalhekk meħtieġ li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 <sup>(4)</sup> jiġu allinjati mar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 kif emendat.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 437/2010 <sup>(5)</sup> jistipula dwar l-eligib-

biltà tal-interventi għall-akkomodazzjoni favur komunitajiet emarġinati. Huwa għalhekk meħtieġ li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 jiġu allinjati mar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 kif emendat.

- (3) Jeħtieġ li jiġi ċċarat li l-implimentazzjoni tal-inġenjerija finanzjarja tkopri wkoll fondi jew skemi oħrajn ta' incen-tiva għall-effiċjenza tal-enerġija u l-użu tal-enerġija li tiġġedded fil-binjiet, inkluż fid-djar eżistenti.
- (4) Jeħtieġ li jiġu ddefiniti l-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà ta' interventi għall-akkomodazzjoni favur komunitajiet emarġinati fil-kuntest ta' approċċ integrat, b'attenzjoni partikolari għall-miżuri ta' diżaggregazzjoni.
- (5) Sabiex tiġi ffaċilitata l-provvista tad-dejta mill-Istati Membri u l-ipproċessar tad-dejta mill-Kummissjoni, jeħtieġ li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti dwar l-informazzjoni finanzjarja li trid tiġi pprovduta fir-rapporti annwali u finali dwar l-implimentazzjoni ta' programm operattiv.
- (6) Il-limitu biex proġett jitqies bħala proġett maġġuri għola għal EUR 50 miljun. Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ xieraq tal-proġetti ambjentali bi spejjeż totali ta' investiment bejn EUR 25 u 50 miljun, jeħtieġ li jiġi previst obbligu li jiġi inkluż tagħrif dwar dawk il-proġetti fir-rapporti annwali u finali dwar l-implimentazzjoni ta' programm operattiv.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 issa jippermetti li proġett maġġuri jkopri aktar minn programm operattiv wieħed. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi aġġornat it-tip ta' dejta strutturata li trid tiġi pprovduta dwar proġetti maġġuri u li jiġu aġġornati l-formoli għat-talbiet għal għajjnuna għal proġetti maġġuri.

<sup>(1)</sup> ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.<sup>(2)</sup> ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU L 158, 24.6.2010, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1.<sup>(5)</sup> ĠU L 132, 29.5.2010, p. 1.

- (8) Ir-Regolament (KE) Nru 1828/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (9) Għal raġunijiet ta' koerenza huwa xieraq li l-emendi għar-Regolament (KE) Nru 1828/2006 japplikaw mill-istess data bħar-Regolament (UE) Nru 539/2010 u bħar-Regolament (UE) Nru 437/2010.
- (10) Huwa meħtieġ li l-vantaġġi kollha lill-benefiċjarji li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 539/2010 u mir-Regolament (UE) Nru 437/2010 japplikaw kemm jista' jkun malajr. Għalhekk, dan ir-Regolament jrid jidħol fis-seħħ b'urġenza.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-Fondi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1828/2006 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Artikoli 43 sa 46 għandhom japplikaw għall-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja fil-forma ta' azzjonijiet li jagħmlu investimenti rimborżabbli, jew li jipprovdu garanziji għall-investimenti rimborżabbli, jew it-tnejn li huma, f'li ġej:

- (a) intrapriżi, l-aktar intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), inklużi l-mikrointrapriżi, kif iddefinit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE (\*) mill-1 ta' Jannar 2005;
- (b) sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat jew proġetti urbani oħra inklużi fi pjanijiet integrati għall-iżvilupp urban sostenibbli, fil-każ ta' fondi għall-iżvilupp urban;
- (c) fondi jew skemi oħra ta' inċentiva għall-effiċjenza tal-enerġija u l-użu tal-enerġija li tiġġedded fil-binjiet, inkluż fid-djar eżistenti.

(\*) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36."

- (b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Intrapriżi, sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat u proġetti oħra inklużi fi pjan integrat għall-iżvilupp

urban sostenibbli, kif ukoll operazzjonijiet għall-effiċjenza tal-enerġija u l-użu tal-enerġija li tiġġedded fil-binjiet, inkluż fid-djar eżistenti li huma appoġġjati minn strumenti ta' inġinerija finanzjarja, jistgħu wkoll jirċievu għotja jew għajnuna oħra minn programm operattiv."

- (2) Fl-Artikolu 44, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) rigward l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja li jappoġġjaw l-intrapriżi, l-aktar l-SMEs, inklużi l-mikrointrapriżi, il-konklużjonijiet ta' evalwazzjoni tad-differenzi bejn il-provvista ta' tali strumenti u d-domanda għal tali strumenti;"

- (b) għandu jiddaħħal il-punt (c) li ġej:

"(c) rigward il-fondi jew skemi oħra ta' inċentiva għall-effiċjenza tal-enerġija u l-użu ta' enerġija li tiġġedded fil-binjiet, inkluż fid-djar eżistenti l-oqfsa ta' regolamentazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti u l-istrateġiji nazzjonali rilevanti."

- (3) L-Artikolu 45 huwa emendat kif ġej:

- (a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"Dispożizzjonijiet addizzjonali applikabbli għall-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja għall-intrapriżi"**

- (b) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja għall-intrapriżi msemmija fl-Artikolu 43(1)(a) għandhom jinvestu biss fit-twaqqif, fl-istadji bikrija, inkluż kapital tal-bidu, jew mat-tkabbir ta' daww l-intrapriżi, u biss f'attivitajiet li l-manigiers tal-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja jqisu li huma potenzjalment vijabbli mil-lat ekonomiku."

- (4) Fl-Artikolu 47, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meqjus l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006, in-nefqa għall-akkomodazzjoni favur komunitajiet emarġinati għandha tkun eliġibbli biss jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

- (a) tali investment fl-akkomodazzjoni huwa parti minn approċċ integrat u s-sostenn għall-interventi għall-akkomodazzjoni għall-komunitajiet emarġinati jseħħ flimkien ma' tipi oħra ta' interventi inklużi interventi fl-oqfsa tal-edukazzjoni, is-saħħa, l-inklużjoni soċjali u l-impjieg;

- (b) il-post fiżiku ta' tali akkomodazzjoni jiżgura l-integrazzjoni spazjali ta' dawn il-komunitajiet fis-soċjetà iġenerali u ma jikkontribwixxix għas-segregazzjoni, l-iżolament u l-esklużjoni.”
- (5) L-Anness XVIII huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (6) L-Annessi XX, XXI u XXII huma sostitwiti bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-25 ta' Ġunju 2010.

Madankollu, il-punt (4) tal-Artikolu 1 għandu japplika mit-18 ta' Ġunju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-17 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
José Manuel BARROSO

## ANNEX I

L-Anness XVIII huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt 2.1.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.1.2. Tagħrif finanzjarju (id-dejta finanzjarja kollha għandha tiġi espressa feuro)

	Fondi totali tal-programm operattiv (tal-Unjoni u nazzjonali)	Bażi għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni (Spiża Pubblika jew Totali)	Ammont totali ta' nefqa eliġibbli vverifikata mħallsa mill-benefiċjarji (1)	Kontribuzzjoni pubblika korrispondenti (1)	Rata ta' implimentazzjoni f %
	a	b	c	d	e = c/a jekk T jew e = d/a jekk P
Assi ta' prijorità 1					
Speċifika l-Fond					
— kemm minnu hija nefqa tat-tip FSE (2)	M.A.				M.A.
— kemm minnu hija nefqa tat-tip FEŻR (2)					
— Nefqa għar-reġjuni li ma jirċievux appoġġ tranżitorju (3)					
— Nefqa għar-reġjuni li jirċievu appoġġ tranżitorju (3)					
Assi ta' prijorità 2					
Speċifika l-Fond					
— kemm minnu hija nefqa tat-tip FSE	M.A.				M.A.
— kemm minnu hija nefqa tat-tip FEŻR					
— Nefqa għar-reġjuni li ma jirċievux appoġġ tranżitorju					
— Nefqa għar-reġjuni li jirċievu appoġġ tranżitorju					
Assi ta' prijorità ...					
Speċifika l-Fond					
— kemm minnu hija nefqa tat-tip FSE	M.A.				M.A.
— kemm minnu hija nefqa tat-tip FEŻR					
— Nefqa għar-reġjuni li ma jirċievux appoġġ tranżitorju					
— Nefqa għar-reġjuni li jirċievu appoġġ tranżitorju					

<b>Total ġenerali</b>					
-----------------------	--	--	--	--	--

(<sup>1</sup>) Ċifri espressi f'termini kumulattivi.

(<sup>2</sup>) Din il-parti għandha timtela biss fil-każ tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni fejn il-programm operattiv ikun kofinanzjat mill-FEŻR jew mill-FSE fejn isir użu mill-għażla skont l-Artikolu 34(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

(<sup>3</sup>) Din il-parti għandha timtela biss fil-każ tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni fejn il-programm operattiv jinkludi appoġġ għal reġjuni tranżitorji u mhux tranżitorji.

Għal programmi operattivi li jirċievu kontribuzzjoni mill-FEŻR skont l-allokazzjoni speċifika għar-reġjuni l-aktar imbiegħda: l-analiżi tan-nefqa bejn l-ispejjeż operattivi u l-investimenti fl-infrastrutturi."

(2) Għandu jiddaħħal il-punt 5a li ġej:

"5a. PROGRAMMI TAL-FEŻR/FK: PROĠETTI AMBJENTALI BL-ISPEJJEŻ TOTALI TA' INVESTIMENT UGWALI GĦAL EUR 25 MILJUN JEW OGHĦLA U UGWALI GĦAL EUR 50 MILJUN JEW ANQAS (JEKK IKUN APPLIKABBLI)

Għal proġetti għaddejjin bħalissa:

— Progress fl-implimentazzjoni tal-istadji differenti tal-proġetti.

— Progress fil-finanzjament tal-proġetti.

Għal proġetti li tlestew:

— Lista ta' proġetti li tlestew, inkluża d-data ta' meta tlestew, l-ispejjeż totali finali ta' investiment, inklużi s-sorsi ta' ffinanzjar, u indikaturi fundamentali ta' produzzjoni u riżultati, inklużi, fejn huwa rilevanti, l-indikaturi ewlenin."

## ANNEX II

## "ANNEX XX

## DEJTA STRUTTURATA TA' PROĠETTI MAĠĠURI LI TRID TIĠI KKODIFIKATA

Dettalji fundamentali tal-proġett maġġuri	Formola tal-applikazzjoni għall-infrastruttura	Formola tal-applikazzjoni għall-investiment produttiv	Tip ta' dejta
Isem il-proġett	B.1.1	B.1.1	Test
Isem il-kumpanija	mhux applikabbli	B.1.2	Test
SME	mhux applikabbli	B.1.3	I/L
Dimensjoni tat-tema prijoritarja	B.2.1	B.2.1	Kodiċi(jiet)
Dimensjoni tal-forma tal-finanzi	B.2.2	B.2.2	Kodiċi
Dimensjoni territorjali	B.2.3	B.2.3	Kodiċi
Dimensjoni tal-attività ekonomika	B.2.4	B.2.4	Kodiċi(jiet)
Kodiċi NACE	B.2.4.1	B.2.4.1	Kodiċi(jiet)
Natura tal-investiment	mhux applikabbli	B.2.4.2	Kodiċi
Dimensjoni(jiet) tal-post	B.2.5	B.2.5	Kodiċi(jiet)
Fond(i)	B.3.4	B.3.3	FEŻR/FK
Assi ta' Prijorità jew Assijiet ta' Prijorità	B.3.4	B.3.4	Test
PPP	B.4.2.d	mhux applikabbli	I/L
Fażi tal-kostruzzjoni – Data tal-bidu	D.1.8A	D.1.5A	Data
Fażi tal-kostruzzjoni – Data ta' tmim	D.1.8B	D.1.5B	Data
Perjodu ta' referenza	E.1.2.1	E.1.2.1	Snin
Rata ta' skont finanzjarju	E.1.2.2	E.1.2.2	%
Spiża totali tal-investiment	E.1.2.3	E.1.2.3	EUR
Spiża totali tal-investiment (valur preżenti)	E.1.2.4	mhux applikabbli	EUR
Valur residwu	E.1.2.5	mhux applikabbli	EUR
Valur residwu (valur preżenti)	E.1.2.6	mhux applikabbli	EUR
Dħul (valur preżenti)	E.1.2.7	mhux applikabbli	EUR
Spiża operattiva (valur preżenti)	E.1.2.8	mhux applikabbli	EUR
Dħul nett (valur preżenti)	E.1.2.9	mhux applikabbli	EUR
Nefqa eliġibbli (valur preżenti)	E.1.2.10	mhux applikabbli	EUR
Żjieda stmata fil-fatturat annwali	mhux applikabbli	E.1.2.4	EUR
Bidla % fil-fatturat għal kull persuna impjegata	mhux applikabbli	E.1.2.5	%
Rata finanzjarja tal-profitti (mingħajr l-għotja tal-Unjoni)	E.1.3.1A	E.1.3.1A	%
Rata finanzjarja tal-profitti (bl-għotja tal-Unjoni)	E.1.3.1B	E.1.3.1B	%

Detalji fundamentali tal-proġett maġġuri		Formola tal-applikazzjoni għall-infrastruttura	Formola tal-applikazzjoni għall-investiment produttiv	Tip ta' dejta
Valur finanzjarju nett preżenti (mingħajr l-għotja tal-Unjoni)		E.1.3.2A	E.1.3.2A	EUR
Valur finanzjarju nett preżenti (bl-għotja tal-Unjoni)		E.1.3.2B	E.1.3.2B	EUR
Spejjeż eliġibbli		H.1.12C	H.1.10C	EUR
Ammont tad-deċizzjoni		H.2.1.3	H.2.1.1	EUR
Għotja tal-Unjoni		H.2.1.5	H.2.1.3	EUR
Nefqa diġà ċertifikata	Ammont totali f'EUR: Ammont f'kull programm operattiv f'EUR:	H.2.3	H.2.3	EUR
Spejjeż u benefiċċji ekonomiċi		E.2.2	E.2.2	Test/EUR
Rata ta' skont soċjali		E.2.3.1	E.2.3.1	%
Rata ekonomika tal-profitti		E.2.3.2	E.2.3.2	%
Valur ekonomiku nett preżenti		E.2.3.3	E.2.3.3	EUR
Proporzjon Benefiċċji/Spejjeż		E.2.3.4	E.2.3.4	Numru
Numru ta' impjiegi maħluqa direttament matul il-fażi ta' implimentazzjoni		E.2.4.1A	E.2.4 a)1A	Numru
Tul medju tal-impjiegi maħluqa direttament matul il-fażi ta' implimentazzjoni		E.2.4.1B	E.2.4 a)1B	Xhur/permanenti
Numru ta' impjiegi maħluqa direttament matul il-fażi operattiva		E.2.4.2A	E.2.4 a)2A	Numru
Tul medju tal-impjiegi maħluqa direttament matul il-fażi operattiva		E.2.4.2B	E.2.4 a)2B	Xhur/permanenti
Numru ta' impjiegi maħluqa indirettament matul il-fażi operattiva		mhux applikabbli	E.2.4 a)4A	Numru
Impatt interreġionali tal-impjiegi		mhux applikabbli	E.2.4 c)	Neg/Newt/Poż
Klassi ta' żvilupp tal-EIA		F.3.2.1	F.3.2.1	I/II/Mhux kopert
EIA mwettqa jekk klassi II		F.3.2.3	F.3.2.3	I/L
% tal-ispiża biex jiġu kkompensati l-impatti ambjentali negattivi		F.6	F.6	%
Sorsi oħra tal-Unjoni (BEI/FEI)		I.1.3	I.1.3	I/L
Involvement tal-Jaspers		I.4.1	I.4.1	I/L
Indikaturi fundamentali (jekk jogħġbok agħżel l-indikatur fundamentali rilevanti minn lista li tinżel, disponibbli fis-sistema elettronika):		B.4.2B	mhux applikabbli	Numru

## ANNEX XXI

**PROĠETT MAĠĠURI**  
**TALBA GĦAL KONFERMA TAL-GĦAJNUNA SKONT L-ARTIKOLI 39 SA 41 TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 1083/2006**

IL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI / IL-FOND TA' KOEŻJONI

**L-INVESTIMENT FL-INFRASTRUTTURA**

[It-titolu tal-proġett]

Nru CCI [.....]

**A. L-INDIRIZZI U R-REFERENZI**

**A.1. L-awtorità responsabbli mill-applikazzjoni (jiġifieri, l-awtorità ta' ġestjoni jew il-korp intermedju). Fil-każ ta' proġett maġġuri kofinanzjat minn aktar minn Programm Operattiv wieħed, l-awtoritajiet responsabbli ta' kull Programm Operattiv ikkonċernat għandhom jiġu msemmija.**

A.1.1. *Isem:*

A.1.2. *Indirizz:*

A.1.3. *Kuntatt:*

A.1.4. *Telefon:*

A.1.5. *Telex/Fax:*

A.1.6. *E-mail:*

**A.2. L-organizzazzjoni, jew l-organizzazzjonijiet fil-każ ta' proġett maġġuri kofinanzjat minn aktar minn Programm Operattiv wieħed, responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proġett (il-benefiċjarju)**

A.2.1. *Isem:*

A.2.2. *Indirizz:*

A.2.3. *Kuntatt:*

A.2.4. *Telefon:*

A.2.5. *Telex/Fax:*

A.2.6. *E-mail:*

**B. ID-DETTALJI TAL-PROĠETT**

**B.1. It-titolu tal-proġett/il-fażi tal-proġett:**

**B.2. Il-kategorizzazzjoni tal-attività tal-proġett <sup>(1)</sup>**

	<i>Kodiċi</i>	<i>Perċentwali</i>
B.2.1. <i>Il-kodiċi għad-dimensjoni tat-tema prijoritarja</i>	<input style="width: 100%; height: 20px;" type="text"/>	<input style="width: 100%; height: 20px;" type="text"/>
	<input style="width: 100%; height: 20px;" type="text"/>	<input style="width: 100%; height: 20px;" type="text"/>
B.2.2. <i>Il-kodiċi għad-dimensjoni tal-forma tal-finanzi</i>	<input style="width: 100%; height: 20px;" type="text"/>	
B.2.3. <i>Il-kodiċi għad-dimensjoni territorjali</i>	<input style="width: 100%; height: 20px;" type="text"/>	
B.2.4. <i>Il-kodiċi għad-dimensjoni tal-attività ekonomika <sup>(2)</sup></i>	<input style="width: 100%; height: 20px;" type="text"/>	<input style="width: 100%; height: 20px;" type="text"/>
B.2.4.1. <i>Il-kodiċi NACE <sup>(3)</sup></i>	<input style="width: 100%; height: 20px;" type="text"/>	
B.2.5. <i>Il-kodiċi għad-dimensjoni(jiet) tal-post (NUTS/LAU) <sup>(4)</sup></i>	<input style="width: 100%; height: 20px;" type="text"/>	

<sup>(1)</sup> L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006 sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

<sup>(2)</sup> Fejn proġett jinvolvi aktar minn attività ekonomika waħda, jistgħu jiġu indikati kodiċijiet multipli. F'dak il-każ għandu jiġi indikat is-sehem f'perċentwali għal kull kodiċi bit-total ma jkunx jaqbeż il 100 %.

<sup>(3)</sup> NACE-Rev.2, kodiċi b'erba' numri: Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1). Uża l-aktar kodiċi NUTS dettaljat u rilevanti. Fejn proġett jaffettwa oqsma multipli individwali tal-livell NUTS/LAU 2, qis jekk tikkodifikax in-NUTS / il-LAU1 jew kodiċijiet ogħla.



**B.3. Il-kompatibbiltà u l-koerenza mal-Programm(i) Operattiv(i)**B.3.1. *It-titolu tal-Programm(i) Operattiv(i) relatat(i):*B.3.2. *Il-Kodiċi Komuni għan-Numru ta' Identifikazzjoni (CCI) tal-Programm(i) Operattiv(i)*B.3.3. *Fond*

Fil-każ ta' proġett maġġuri kofinanzjat minn aktar minn Programm Operattiv wieħed, speċifika l-Fond għal kull Programm Operattiv b'mod separat.

FEŻR Il-Fond ta' Koeżjoni B.3.4. *It-titolu tal-assi prijoritarju jew assijiet prijoritarji fil-każ ta' proġett maġġuri kofinanzjat minn aktar minn Programm Operattiv wieħed***B.4. Deskrizzjoni tal-proġett**B.4.1. *Deskrizzjoni tal-proġett (jew tal-fażi tal-proġett):*

(a) Ipprovi deskrizzjoni tal-proġett (jew tal-fażi tal-proġett).

(b) Fejn il-proġett ikun fażi minn proġett ġenerali, agħti deskrizzjoni tal-istadji ta' implimentazzjoni proposti (fejn tispjega jekk humiex indipendenti mil-lat tekniku u finanzjarju). Fil-każ ta' proġett maġġuri kofinanzjat minn aktar minn Programm Operattiv wieħed indika l-partijiet li jaqgħu taħt kull Programm Operattiv jew allokkazzjoni *pro-rata*.

(c) Liema kriterji ntużaw biex jiġi ddeterminat it-tqassim tal-proġett f'fażijiet?

B.4.2. *Deskrizzjoni teknika tal-investiment fl-infrastruttura*

(a) Iddeskrivi l-infrastruttura li qed tiġi proposta u x-xogħol li għalih qed tiġi proposta l-għajnuna waqt li tispeċifika l-karatteristiċi prinċipali u l-elementi komponenti tagħha.

(b) Fir-rigward tax-xogħol involut, identifika u kkwantifika l-indikaturi prinċipali tar-riżultati u, fejn rilevanti, l-indikaturi ewlenin li għandhom jintużaw:

(c) Il-benefiċjarji prinċipali tal-infrastruttura (jiġifieri l-popolazzjoni mmirata li għet moqdija, ikkwantifikata fejn ikun possibbli):

(d) Il-kostruzzjoni tal-infrastruttura għandha tiġi kkonsenjata permezz ta' sħubija bejn il-pubbliku u l-privat (SPP)?

Iva Le 

Jekk iva, iddeskrivi l-forma tas-SPP (jiġifieri l-proċess tal-għażla għas-sieħeb privat, l-istruttura tas-SPP, l-arranġamenti dwar is-sjeda tal-infrastruttura, l-arranġamenti tal-allokkazzjoni tar-riskju, eċċ.):

Agħti d-dettalji ta' kif għandha tiġi ġestita l-infrastruttura wara li l-proġett ikun ikkometat (jiġifieri ġestjoni pubblika, konċessjoni, forom oħra ta' SPP).

e) Il-proġett jiffirma parti minn Netwerk Transewropew miftiehem fuq livell tal-Unjoni?

Iva

Le

#### B.5. L-Għanijiet tal-Proġett

##### B.5.1. L-iddotar infrastrutturali attwali u l-impatt tal-proġett

Indika l-livell safejn ir-reġjun(i) huwa/huma, fil-preżent, mgħammar/mgħammra bit-tip ta' infrastruttura koperta minn din l-applikazzjoni; qabblu mal-livell tal-iddotar infrastrutturali li hemm il-ħsieb li jintlaħaq sas-sena mmirata 20.....(jiġifieri, skont l-istrateġija rilevanti jew il-pjanijiet nazzjonali/reġjonali, fejn japplika). Indika l-kontribuzzjoni prevedibbli tal-proġett għall-għanijiet tal-istrateġija/tal-pjan. Speċifika l-ostakli jew problemi oħra potenzjali li għandhom jiġu solvuti.

##### B.5.2. L-għanijiet soċjoekonomiċi

Indika l-għanijiet u l-miri soċjoekonomiċi tal-proġett.

##### B.5.3. Il-kontribuzzjoni għall-kisba tal-Programm(i) Operattiv(i)

Iddeskrivi kif il-proġett jikkontribwixxi għall-kisba tal-prijoritajiet tal-Programm(i) Operattiv(i) (fejn hu possibbli agħti indikaturi kkwantifikati għal kull programm operattiv).

#### C. IR-RIŻULTATI TAL-ISTUDJI TA' FATTIBILTÀ

##### C.1. Ipprovi sommarju tal-konklużjonijiet prinċipali tal-istudji ta' fattibiltà mwettqa

Agħti referenzi preċiżi jekk l-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni, l-ISPA jew għajjnuna tal-Unjoni oħra hija/kienet involuta fil-finanzjament tal-istudji ta' fattibiltà.

##### C.1.1. L-analiżi tad-domanda

Ipprovi sommarju tal-analiżi tad-domanda, inkluża r-rata ta' użu prevista malli tiġi kkompletata u r-rata tat-tkabbir fid-domanda.

##### C.1.2. L-għażliet meqjusa

Agħti deskrizzjoni qasira tal-għażliet alternattivi meqjusa fl-istudji ta' fattibiltà.

## D. L-ISKEDA

D.1. **L-iskeda tal-proġett**

Aktar 'l isfel agħti l-iskeda għall-iżvilupp tal-proġett kollu.

Fejn l-applikazzjoni tikkonċerna stadju minn proġett, indika b'mod ċar fit-tabella l-elementi tal-proġett kollu li għalih tkun qed tintalab l-għajnuna permezz ta' din l-applikazzjoni:

	Data ta' bidu (A) dd/mm/yyyy	Data ta' tlestija (B) dd/mm/yyyy
1. L-istudji ta' fattibbiltà:		
2. L-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji (inkluża l-analiżi finanzjarja):		
3. L-istima tal-impatt ambjentali:		
4. L-istudji ta' disinn:		
5. It-tnejn tad-dokumentazzjoni tas-sejħa għall-offerti:		
6. It-tnejn mistennija tal-proċedura(i) tas-sejħa għall-offerti (*):		
7. L-akkwist tal-art:		
8. Il-fażi/kuntratt tal-bini:		
9. Il-fażi operattiva:		

(\*): Speċifika għal kull sejħa għall-offerti

Jekk jogħġbok ehmeż skeda fil-qosor tal-kategoriji prinċipali tax-xogħlijiet (jiġifieri ċart Gantt, fejn tkun disponibbli).

D.2. **Il-maturità tal-proġett**

Iddeskrivi l-iskeda tal-proġett (D.1) f'termini tal-progress tekniku u finanzjarju u tal-maturità attwali tal-proġett taħt l-intestaturi li ġejjin:

D.2.1. *Tekniku (studji ta' fattibbiltà, eċċ.):*

D.2.2. *Amministrattiv (awtorizzazzjonijiet, EIA, xiri ta' art, sejħiet għall-offerti, eċċ.):*

D.2.3. *Finanzjarju (deċiżjonijiet ta' impenn fejn għandha x'taqsam in-nefqa pubblika nazzjonali, self mitlub jew mogħti, eċċ. - agħti r-referenzi):*

D.2.4. *Jekk il-proġett diġà beda, indika l-istat attwali tax-xogħlijiet:*

E. **L-ANALIŻI TAL-ISPEJJEŻ U TAL-BENEFIĊĊJI**

*Din it-taqsimha għandha tkun imsejsa fuq il-Linji gwida dwar il-metodoloġija għat-tweqqif tal-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-proġetti maġġuri. Minbarra l-elementi fil-qosor li għandhom jingħataw, għandu jiġi pprovdut id-dokument sħiħ tal-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji b'appoġġ għal din l-applikazzjoni bħal fl-Anness II.*

E.1. **Analiżi finanzjarja**

*L-elementi prinċipali mill-analiżi finanzjarja tas-CBA għandhom jinġabru fil-qosor aktar 'l isfel.*

E.1.1. *Deskrizzjoni qasira tal-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet speċifiċi magħmula*

E.1.2. *L-elementi prinċipali u l-parametri użati fis-CBA għall-analiżi finanzjarja*

L-elementi prinċipali u l-parametri	Valur Mhux skontat	Valur Skontat (Valur Nett Preżenti)
1. Il-perjodu ta' referenza (snin)		
2. Ir-rata ta' skont finanzjarju (%) <sup>(1)</sup>		
3. L-ispiża totali tal-investiment minbarra l-kontinġenzi (f'euro, mhux skontata) <sup>(2)</sup>		
4. L-ispiża totali tal-investiment (f'euro, skontata)		
5. Il-valur residwali (f'euro, mhux skontat)		
6. Il-valur residwali (f'euro, skontat)		
7. Id-dħul (f'euro, skontat)		
8. L-ispejjeż operattivi (f'euro, skontati)		
<b>Il-kalkolu tad-differenza fil-finanzjament <sup>(3)</sup></b>		
9. Id-dħul nett = id-dħul – l-ispejjeż operattivi + il-valur residwali (f'euro, skontat) = (7) – (8) + (6)		
10. L-ispiża tal-investiment – id-dħul nett (f'euro, skontat) = (4) – (9) (l-Artikolu 55(2))		
11. Ir-rata ta' differenza fil-finanzjament (%) = (10) / (4)		

<sup>(1)</sup> Speċifika jekk ir-rata hijjex reali jew nominali. Jekk l-analiżi finanzjarja titwettag bi prezzijiet kostanti, għandha tintuża rata ta' skont finanzjarju espressa f'termini reali. Jekk l-analiżi titwettag bi prezzijiet attwali, għandha tintuża rata ta' skont f'termini nominali.

<sup>(2)</sup> L-ispiża tal-investiment hawnhekk għandha teskludi l-kontinġenzi skont id-dokument ta' ħidma numru 4.

<sup>(3)</sup> Dan ma japplikax għal: 1) għal proġetti suġġetti għar-regoli dwar l-għajnuniet mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-Trattat (ara l-punt G.1), b'konformità mal-Artikolu 55(6) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u 2) jekk l-ispejjeż operattivi huma oġġa mid-dħul il-proġett ma jitqiesx li jiġġenera d dħul skont it-tifsira tal-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, f'liema każ, injora l-punti 9 u 10 u fissa d-differenza fil-finanzjament għal 100 %.

Fejn il-VAT tista' tiġi rkuprata, l-ispejjeż u d-dħul għandhom ikunu msejsa fuq ċifri li jeskludu l-VAT.

E.1.3. *Ir-riżultati prinċipali tal-analiżi finanzjarja*

	Mingħajr l-għajjnuna tal-Unjoni (FRR/C) A		Bl-għajjnuna tal-Unjoni (FRR/K) B <sup>(1)</sup>	
		FRR/C		FRR/K
1. Ir-rata finanzjarja tal-qliġh (%)		FRR/C		FRR/K
2. Il-valur nett preżenti (euro)		FNPV/C		FNPV/K

<sup>(1)</sup> Għall-kalkolu tal-kapaċità ta' profitt mingħajr ("C") u b'("K") għajjnuna tal-Unjoni, irreferi għall gwida mogħtija mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

E.1.4. *Id-dħul iġġenerat matul iż-żmien fis-seħħ tagħha*

Jekk il-proġett hu mistenni li jiġġenera dħul permezz ta' tariffi jew ħlasijiet imposti fuq l-utenti, jekk jogħġbok agħti d-dettalji tal-ħlasijiet (it-tipi u l-livell ta' ħlasijiet, il-prinċipju jew il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li fuqha ġew stabbiliti l-ħlasijiet).

(a) Il-ħlasijiet ikopru l-ispejjeż operattivi u d-deprezzament tal-proġett?

(b) Il-ħlasijiet ivarjaw bejn l-utenti differenti tal-infrastruttura?

(c) Il-flasijiet huma proporzjonali

(i) Għall-użu tal-proġett/għall-konsum reali?

(ii) Għat-tniġġiż iġġenerat mill-utenti?

Jekk ma tiġi proposta l-ebda tariffa jew flas, kif se jiġu koperti l-ispejjeż operattivi u dawk tal-manutenzjoni?

## E.2. L-analiżi soċjoekonomika

E.2.1. *Ipprovdni deskrizzjoni qasira tal-metodoloġija (is-suppożizzjonijiet prinċipali li saru fl-ivvalutar tal-ispejjeż u tal-benefiċċji) u s-sejbiet prinċipali tal-analiżi soċjoekonomika:*

E.2.2. *Agħti d-dettalji tal-ispejjeż u tal-benefiċċji ekonomiċi prinċipali li ġew identifikati fl-analiżi flimkien mal-valuri assenjati lilhom:*

Il-Benefiċċju	Il-valur tal-unità (fejn japplika)	Il-valur totali (f'euro skontat)	% tal-benefiċċji totali
...	...	...	...
Spiża	Il-valur tal-unità (fejn japplika)	Il-valur totali (f'euro skontat)	% tal-ispejjeż totali
...	...	...	...

E.2.3. *L-indikaturi prinċipali tal-analiżi ekonomika*

Il-parametri u l-indikaturi prinċipali	Il-valuri
1. Ir-rata ta' skont soċjali (%)	
2. Ir-rata ekonomika tal-qliġh (%)	
3. Il-valur ekonomiku nett preżenti (f'euro)	
4. Il-proporzjon bejn il-benefiċċji u l-ispejjeż	

E.2.4. *L-effetti tal-proġett fuq l-impjieg*

Ipprovdni indikazzjoni tan-numru ta' impjieg li għandhom jinħolqu (espressi f'termini ta' ekwivalenti full-time (FTE)).

In-numru ta' impjieg maħluqa direttament:	Nru (FTE) (A)	It-tul medju ta' dawn l-impjieg (xhur) (months) <sup>(1)</sup> (B)
1. Waqt il-fażi ta' implimentazzjoni		
2. Waqt il-fażi operattiva		

<sup>(1)</sup> Fil-każ ta' impjieg permanenti, minflok it-tul ta' żmien f'xhur, indika "permanent".

[NB: l-impjieg indiretti maħluqa jew mitlufa mhumiex imfittxija għall-investimenti pubbliċi fl-infrastruttura.]

E.2.5. *Identifika l-benefiċċji u l-ispejjeż prinċipali li mhumiex kwantifikabbli/li mhumiex ta' valur:*

**E.3. L-analiżi tar-riskju u tas-sensittività**

E.3.1. *Deskrizzjoni qasira tal-metodoloġija u r-riżultati fil-qosor*

E.3.2. *Analiżi tas-sensittività*

Iddikjara l-perċentwali ta' bidla applikata għall-varjabbli ttestjati: .....

Ippreżenta l-effett smat fuq ir-riżultati tal-indikijiet tal-prestazzjoni finanzjarja u ekonomika.

Il-varjabbli ttestjati	Il-varjazzjoni fir-Rata Finanzjarja tal-Qliġ	Il-varjazzjoni fil-Valur Finanzjarju Nett Preżenti	Il-varjazzjoni fir-Rata Ekonomika tal-Qliġ	Il-varjazzjoni fil-Valur Preżenti Nett Ekonomiku

Liema varjabbli kienu identifikati bħala varjabbli kritiċi? Iddikjara liema kriterju jiġi applikat.

Liema huma l-valuri tal-bidla tal-varjabbli kritiċi?

E.3.3. *Analiżi tar-riskju*

Iddeskrivi l-istima tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà tal-indikijiet tal-prestazzjoni finanzjarja u ekonomika tal-proġett. Ipprovi informazzjoni statistika rilevanti (valuri mistennija, devjazzjoni standard).

**F. L-ANALIŻI TAL-IMPATT AMBJENTALI**

F.1. **Kif il-proġett:**

- (a) jikkontribwixxi għall-għan tas-sostenibbiltà ambjentali (il-politika Ewropea dwar it-tibdil fil-klima, il-waqfien tat-telf tal-bijodiversità, oħrajn ...);
- (b) jirrispetta l-prinċipji tal-azzjoni preventiva u li bħala prijorità l-ħsara ambjentali għandha tiġi rrettifikata mis-sors;
- (c) jirrispetta l-prinċipju li "min iniġġeż iħallas".

F.2. **Il-konsultazzjoni mal-awtoritajiet ambjentali**

L-awtoritajiet ambjentali li x'aktarx huma kkonċernati mill-proġett ġew ikkonsultati minħabba r-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom?

Iva  Le

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti l-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) u spjega x'inhi r-responsabbiltà ta' dik l-awtorità:

Jekk le, agħti r-raġunijiet:

F.3. **L-Istima tal-Impatt Ambjentali**F.3.1. *Il-Kunsens għall-iżvilupp* <sup>(5)</sup>

F.3.1.1. Dan il-proġett diġà ngħata l-kunsens għall-iżvilupp?

Iva Le 

F.3.1.2. Jekk iva, f'liema data

F.3.1.3. Jekk le, meta kienet ġiet introdotta t-talba formali għall-kunsens għall-iżvilupp:

F.3.1.4. Sa liema data hi mistennija d-deċiżjoni aħħarija?

F.3.1.5. Speċifika l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti, li tat/taw jew li se tagħti/jagħtu l-kunsens għall-iżvilupp.

F.3.2. *L-applikazzjoni tad-direttiva tal-kunsill 85/337/KEE dwar l-istima tal-impatt ambjentali (EIA)* <sup>(6)</sup>

F.3.2.1. Il-proġett huwa klassi ta' żvilupp kopert minn:

- L-Anness I ta' dik id-Direttiva (mur għall-mistoqsija F3.2.2)
- L-Anness II ta' dik id-Direttiva (mur għall-mistoqsija F.3.2.3)
- L-ebda wieħed miż-żewġ annessi (mur għall-mistoqsija F.3.3)

F.3.2.2. Meta kopert mill-Anness I ta' dik id-Direttiva, inkludi d-dokumenti li ġejjin:

- (a) it-tagħrif li jissema fl-Artikolu 9(1) ta' dik id-Direttiva;
- (b) is-sommarju mhux tekniku <sup>(7)</sup> tal-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali mwettaq għall-proġett;
- (c) it-tagħrif dwar il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet ambjentali, mal-pubbliku kkonċernat u, jekk japplika, ma' Stati Membri oħra.

F.3.2.3. Meta kopert mill-Anness II ta' dik id-Direttiva, saret Stima tal-Impatt Ambjentali għal dan il-proġett?

 Iva

f'liema każ, inkludi d-dokumenti meħtieġa li ġew elenkati taħt il-punt F3.2.2

 Le

f'liema każ, spjega r-raġunijiet u aġħti l-limiti, il-kriterji jew l-eżami każ b'każ imwettqa biex tintlaħaq il-konklużjoni li l-proġett ma għandu l-ebda effett ambjentali sinifikanti:

F.3.3. *L-applikazzjoni tad-direttiva 2001/42/KE tal-parlament ewropew u tal-kunsill dwar l-istima ambjentali strateġika* <sup>(8)</sup> (id-Direttiva SEA)

<sup>(5)</sup> Id-deċiżjoni tal-awtorità jew l-awtoritajiet (nazzjonali) kompetenti li jagħtu d-dritt lill-iżviluppatur biex jipproċedi bil-proġett. F'każijiet fejn il-proġett ippreżentat ikun parti minn operazzjoni usa', il-kunsens għall-iżvilupp għandu jirreferi biss għall-proġett ippreżentat lill-Kummissjoni. F'każijiet fejn jinftiegu aktar minn deċiżjoni waħda ta' kunsens għall-iżvilupp, jekk jogħġbok irrepeti t-tagħrif kemm-il darba jkun meħtieġ.

<sup>(6)</sup> ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40.

<sup>(7)</sup> Imħejji skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 85/337/KEE.

<sup>(8)</sup> ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30.

F.3.3.1. Il-proġett jirriżulta minn pjan jew programm li jaqqa' fl-ambitu tad-Direttiva SEA?

Le f'liema każ, jekk jogħġbok ipprovi spjegazzjoni qasira:

Iva f'liema każ, biex jiġi apprezzat jekk ġewx indirizzati l-effetti kumulattivi potenzjali usa', jekk jogħġbok ipprovi jew foġġa tal-internet jew kopja elettronika tas-sommarju mhux tekniku <sup>(9)</sup> tar-Rapport Ambjentali li twettaq għall-pjan jew għall-programm.

F.4. **L-evalwazzjoni tal-effetti fuq is-Siti NATURA 2000**

F.4.1. *Hemm il-probabbiltà li l-proġett ikollu effetti negattivi sinifikanti fuq is-siti inklużi jew li hemm il-ħsieb li jiġu inklużi fin-netwerk NATURA 2000?*

Iva f'liema każ

(1) Jekk jogħġbok ipprovi taqsira tal-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni xierqa mwettqa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE <sup>(10)</sup>.

(2) Fil-każ li miżuri ta' kumpens tqiesu li kienu meħtieġa skont l-Artikolu 6(4), jekk jogħġbok ipprovi kopja tal-formola "Informazzjoni dwar il-proġetti li x'aktarx li jkollhom effetti negattivi sinifikanti fuq is-siti NATURA 2000, kif ġie nnotifikat lill-Kummissjoni (DG Ambjent) skont id-Direttiva 92/43/KEE <sup>(11)</sup>".

Le f'liema każ ehmeż dikjarazzjoni kkompletata tal-Appendiċi I mimlija mill-awtorità rilevanti.

F.5. **Miżuri addizzjonali ta' integrazzjoni ambjentali**

Il-proġett jipprevedi, minbarra l-Istima tal-Impatt Ambjentali, miżuri addizzjonali ta' integrazzjoni ambjentali (eż., verifika ambjentali, ġestjoni ambjentali, monitoraġġ ambjentali speċifiku)?

Iva  Le

Jekk iva, speċifika

F.6. **L-ispiża tal-miżuri meħuda biex jiġu korretti l-impatti ambjentali negattivi**

Jekk inkluża fl-ispiża totali, agħmel stima tal-proporzjon tal-ispiża tal-miżuri meħuda biex jitnaqqsu u/jew jiġu kkompensati l-impatti ambjentali negattivi

%

Spjega fil-qosor:

F.7. **Fil-każ ta' proġetti fl-oqsma tal-ilma, tal-ilma għar-rimi u tal-iskart solidu:**

Spjega jekk il-proġett huwiex konsistenti ma' pjan u programm settorjali/integrat assoċjat mal-implimentazzjoni tal-politika jew tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni <sup>(12)</sup> f'dawk l-oqsma:

<sup>(9)</sup> Imħejji skont l-Anness I(j) tad-Direttiva 2001/42/KE.

<sup>(10)</sup> ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

<sup>(11)</sup> Id-Dokument 99/7 rev.2 adottat mill-Kumitat dwar l-Ambjenti Naturali (stabbilit skont id-Direttiva 92/43/KEE) fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Ottubru 1999.

<sup>(12)</sup> B'mod partikolari, id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1) id-Direttiva tal-Kunsill 1991/271/KE (id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Morni) (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40), l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart) (ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9), id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE (id-Direttiva dwar ir-Rimi tal-Iskart f'Terraferma) (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1).



## G. IL-ĠUSTIFIKAZZJONI GĦALL-KONTRIBUZZJONI PUBBLIKA

## G.1. Il-kompetizzjoni

Dan il-proġett jinvolti Għajnuna mill-Istat?

Iva  Le

Jekk iva, jekk jogħġbok fit-tabella aktar 'l isfel agħti l-ammont ta' għajnuna, u, għall-għajnuna approvata n-numru tal-għajnuna mill-Istat u r-referenza tal-ittra tal-approvazzjoni, għall-għajnuna li tibbenefika minn eżenzjoni ta' kategorija n-numru tar-reġistru rispettiv, u għall-għajnuna pendenti notifikata n-numru tal-għajnuna mill-Istat <sup>(13)</sup>

Is-sorsi tal-għajnuna (lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni):	Ammont ta' għajnuna feuro	In-numru tal-Għajnuna mill-Istat/numru tar-reġistru għall-għajnuna li tibbenefika minn eżenzjoni ta' kategorija	Ir-referenza tal-ittra ta' approvazzjoni
L-iskemi tal-għajnuna approvati, l-għajnuna <i>ad hoc</i> approvata, jew l-għajnuna li taqa' taħt regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija: .....			
L-għajnuna prevista taħt notifiċi pendenti (għajnuna jew skemi <i>ad hoc</i> ): .....			
L-għajnuna li għaliha hemm notifiċa pendenti (għajnuna jew skemi <i>ad hoc</i> ): .....			
L-għajnuna totali mogħtija:			
L-ispiża totali tal-proġett ta' investiment			

## G.2. L-impatt tal-għajnuna tal-Unjoni fuq l-implimentazzjoni tal-proġett

Għal kull twegjiba fl-affermattiv, agħti d-dettalji:

L-għajnuna tal-Unjoni se:

a) taċċellera l-implimentazzjoni tal-proġett?

Iva  Le

b) tkun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-proġett?

Iva  Le

## H. IL-PJAN TA' FINANZJAMENT

L-ammont tad-deċiżjoni u tagħrif finanzjarju ieħor f'din it-taqsimha jridu jkunu koerenti mal-bażi (l-ispiża totali jew pubblika) għar-rata tal-kofinanzjament tal-assi prijoritarju. Fejn in-nefqa privata ma tkunx eliġibbli għall-finanzjament taħt l-assi prijoritarju, din għandha tiġi eskluża mill-ispejjeż eliġibbli; fejn in-nefqa privata tkun eliġibbli tista' tiġi inkluzja.

<sup>(13)</sup> Din l-applikazzjoni ma tissostitwixx in-notifiċa lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Deċiżjoni pożittiva mill-Kummissjoni dwar il-proġett maġġuri skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 ma tikkostitwixx approvazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.

## H.1. Ir-rendikont tal-ispejjeż

Euro	L-ispejjeż Totali tal-Proġett (A)	L-ispejjeż li Mhumiex Eliġibbli (1) (B)	Spejjeż Eliġibbli (C) = (A) - (B)
1. Il-ħlasijiet tal-ippjanar/iddisinjar			
2. Ix-xiri tal-art			
3. Il-bini u l-kostruzzjoni			
4. L-impjant u l-makkinarju			
5. Il-kontinġenzi (2)			
6. L-aġġustament tal-prezzijiet (jekk japplika) (3)			
7. L-ġħajnuna teknika			
8. Pubbliċità			
9. Is-superviżjoni waqt l-implimentazzjoni tal-kostruzzjoni			
10. <b>SottoTotal</b>			
11. (Il-VAT (4))			
12. <b>Total</b>	(5)		

(1) L-ispejjeż li mhumiex eliġibbli jinkludu (i) nefqa li ssir barra mill-perjodu ta' eliġibbiltà, (ii) nefqa li mhix eliġibbli skont ir-regoli nazzjonali (l-Artikolu 56(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006), (iii) nefqa oħra li ma ġietx ippreżentata għall-kofinanzjament. NB: Id-data inizjali tal-eliġibbiltà tan-nefqa hija d-data ta' meta l-Kummissjoni tirċievi l-abbozz tal-programm operattiv jew l-1 ta' Jannar 2007, liema minnhom taħbat l-aktar kmieni.

(2) Il-kontinġenzi ma għandhomx jaqbuż l-10 % tal-ispejjeż totali tal-investiment nett mill-kontinġenzi. Dawn il-kontinġenzi jistgħu jiġu inklużi fl-ispejjeż totali eliġibbli li jintużaw biex tiġi kkalkulata l-kontribuzzjoni ppjanata tal-fondi - it-Taqsima H2.

